MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2004

Appell Civili Numru. 39/1992/2

**Fl-Atti tar-Rikors tat-23 ta' Jannar, 2004 wara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru, 2003 (Citazzjoni Numru 39/1992) fl-ismijiet**

**Emanuel Buttigieg fil-kwalità tieghu ta' mandatarju ta' l-assenti Carmel sive Charles Formosa, Joseph Mizzi, Ann Morley, Dolora Blain, Lawrence Mizzi, u Joseph Michael Mizzi**

**v.**

**Anthony Cauchi kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala**

**mandatarju ta’ l-assenti Salvu Cauchi; Emmanuel Cauchi
bhala mandatarju ta’ l-imsefrin Elisabeth mart Joseph Mizzi u Maria Assunta mart Saviour Debrincat; Joseph Cauchi; Raymond Cauchi; u Dolores armla ta’ George Attard u b’digriet tat-2 ta’ Dicembru 1998 il-gudizzju gie trasfuz f’isem Anthony Cauchi u martu Margaret Cauchi stante l-mewt ta’ Dolores Attard**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors “tal-partijiet” tat-23 ta’ Jannar, 2004 li permezz tieghu huma talbu li din il-Qorti tordna li “d-drittijiet u spejjez jigu ntaxxati mill-gdid” a bazi tad-dikjarazzjoni taghhom annessa ma’ l-istess rikors fis-sens li “l-valur ta’ din il-kawza hu ta’ mitt elf lira Maltija (Lm100,000)”; rat ir-risposta tar-Registratur tad-29 ta’ Jannar, 2004; rat in-nota tal-partijiet tal-11 ta’ Marzu, 2004; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta’ Gunju, 2004;ikkunsidrat:

1. Din hija azzjoni ta’ **ritassa**. Permezz ta’ rikors konguntiv li gie pprezentat fit-23 ta’ Jannar 2004, il-partijiet talbu li d-drittijiet u l-ispejjez li gew intaxxati mir-Registratur tal-Qorti, jigu ntaxxati mill-gdid u dan in bazi tal-kriterju *ad valorem* peress li skond huma l-valur mehud mir-Registratur tal-Qorti kien wiehed minimu meta l-valuri tal-beni kienu konsiderevoli. Anness mar-rikors hemm nota (fol. 3) li permezz taghha l-partijiet ***“jiddikjaraw li l-valur ta’ din il-kawza hu ta’ mitt elf lira Maltija”***.

2. Permezz ta’ risposta li giet prezentata fid-29 ta’ Jannar 2004, ir-Registratur tal-Qorti eccepixxa:-

A. In-nuqqas ta’ kompetenza tal-Qorti Appell;
B. Li t-taxxa in kwistjoni saret a bazi tas-sentenza finali tal-Qorti ta’ l-Appell tat-28 ta’ Novembru 2003, f’liema sentenza, kemm ukoll f’dik ta’ l-Ewwel Qorti ta’ l-20 ta’ Ottubru 1995, mhux indikat valur u t-taxxa saret a bazi ta’ dikjarazzjonijiet;

C. Illi l-valur ghandu jirrizulta mill-atti, u dan skond l-Artikolu 14 tat-Tariffa E ta’ Skeda A tal-Kap. 12;
D. Illi “Salva l-accettazzjoni mill-qorti kompetenti tad-dikjarazzjoni maghmula fir-rikors odjern ghall-valur hemm indikat, l-esponent ma jaghmilx oggezzjoni”.

3. Permezz ta’ nota pprezentata fil-11 ta’ Marzu 2004 (fol. 7) il-partijiet iddikjaraw li t-talba taghhom qeghda ssir a tenur ta’ l-Artikolu 64(1) tal-Kap. 12.

4. Illi fis-seduta tal-21 ta’ Gunju 2004 il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom u l-Qorti ddiferiet ir-rikors ghal digriet kamerali. In segwitu l-kawza giet rikjamata ghal-lum biex minflok digriet kamerali jinghata provvediment fil-Qorti bil-miftuh.

5. Illi skond l-Artikolu 64 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili:-

*“L-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b’rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa ta’ l-ispejjez, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa, u ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b’att gudizzjarju, mill-gurnata ta’ dik in-notifika”*.

6. Illi l-meritu tal-kawza deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Novembru, 2003 kienet titratta likwidazzjoni u qasma ta’ wirt.

7. Illi fl-atti tal-process m’hemmx kopja tat-taxxa li minnha qeghdin jilmentaw il-partijiet. Hemm pero’ kopja ta’ taxxa informali mhux datata li m’hijiex iffirmata mir-Registratur tal-Qorti.

8. Illi kif intqal tajjeb fil-kawza fl-ismijiet **John Falzon ne vs Dr. Giuseppe Vella ne et**, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Frar 1946, ***“bit-tassazzjoni li ssir wara li tigi moghtija sentenza jigu determinati zewg serji ta’ rapporti partimonjali; wiehed jirrigwarda r-***

***relazzjonijiet tal-kollitiganti bejniethom, u t-titolu ta' ezekuzzjoni huwa s-sentenza stess; u l-iehor jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn id-difensuri u l-klijenti, u t-titolu ezekuttiv huwa t-taxxa"***.

9. Illi l-ewwel punt li jrid jigi deciz – li nghata f'forma ta' eccezzjoni anke mir-Registratur – hu dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tqis it-talba tal-partijiet. Fil-kawza fl-ismijiet **Debono vs Muscat** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu 1904 inghad:- ***"la tassazione o liquidazione delle spese giudizarie è atto del registratore e non della Corte che avesse deciso la causa, ed in conseguenza la domanda per la correzione di una tassa, costituendo una causa di natura civile è giudicabile dalla Prim'Awla"*** [1]. Imbaghad fil-kawza **Giovanni Galea vs Concetta Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 1920 din il-Qorti kinet irriteniet li kawzi ta' ritassa ma jigux proposti quddiem il-Qorti ta' l-Appell (dak iz-zmien, il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tieghu ir-Re) izda quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza, u dan minkejja li l-kawza tkun tirrigwarda taxxa rilaxxata mir-Registratur in segwitu ghal kawza deciza mill-istess Qorti ta' Appell, u dan peress li l-kompetenza ta' din il-Qorti hi effettivament arginata bil-ligi. Infatti, l-Artikolu 41 tal-Kap. 12 jitratta dwar il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Skond is-subartikolu (5) ta' l-imsemmi artikolu, il-Qorti ta' l-Appell, *"tisma' u tiddeciedi l-appelli kollha mid-decizjonijiet – tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili; u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza superjuri taghha"*. Dan apparti appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza inferjuri taghha (Art. 41(6)), kif ukoll appelli msemmijin fl-Artikolu 6 tal-Ligi dwar il-Legati taz-Zwieg, Kap. 3 (Art. 42). Imbaghad l-Artikolu 44 tal-Kap. 12 jipprovdi:- ***"Il-Qorti ta' l-Appell, barra milli tiehu konjizzjoni tal-kawzi msemmija taht dan it-Titolu, tiddeciedi wkoll il-kawzi l-ohra kollha illi b'disposizzjoni espressa tal-ligi huma mhollijin ghaliha"***. Ma jidher li jezisti l-ebda provvediment tal-ligi li jipprovdi li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 64 ghandha

[1] Ara wkoll **Avukat Dr. Spiridione Camilleri et vs Avukat Dr. Edgar Buhagiar noe et** Prim Awla, 21 ta' Novembru, 1961.

ssir quddiem il-Qorti ta’ l-Appell. L-azzjoni a bazi ta’ l-Artikolu 64 hija separata w indipendenti mill-proceduri li jkunu gew decizi, in kwantu fiha l-Qorti tintalab biex tikkunsidra xi haga li grat wara d-determinazzjoni tal-kontestazzjoni li kellha quddiemha bejn il-kontendenti, f’dan il-kaz l-intaxxar tad-drittijiet u l-ispejjez tal-partijiet u l-hrug tat-taxxa relattiva da parti tar-Registratur. Ghalhekk din il-Qorti mhix kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba tal-partijiet.

10. Dan kollu qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal fatt jekk:-

(a) Fic-cirkostanzi l-partijiet ghandhomx interess guridiku li jressqu dawn il-proceduri mehud in konsiderazzjoni li l-effett taghhom ser ikun li izid mhux li jnaqqas l-ispejjez tahhom. Fatt li jirrizulta wkoll mir-rikors promotur in kwantu hemm premess li r-Registratur intaxxa d-drittijiet u l-ispejjez fuq valuri minimi filwaqt li fit-tieni paragrafu jghidu li *“l-beni meritu ta’ din il-kawza ghandhom valur konsiderevoli”* u kellhom jigu ntaxxati fuq dan il-valur. Tant hu hekk li mar-rikors promotur giet annessa nota li permezz taghha giet indikata s-somma ta’ mitt elf lira Maltija (Lm100,000) bhala l-valur li fuqha kellha ssir it-tassazzjoni. Huwa principju maghruf li domanda proposta f’gudizzju trid iggib lill-attur rizultat vantagguz jew utli (**Beatrice Manchè ne vs Maria Montebello** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-13 ta’ Frar 1953 - Vol. XXXVII.i.56). Ghalhekk fejn azzjoni ma tkunx kapaci twassal ghal tali rizultat utli ghal min jipproponiha, l-azzjoni ma tistax tregi. F’dan il-kaz din il-Qorti ma tistax tifhem kif “il-partijiet” jista’ jkollhom xi ezitu vantaggjuz jew utili bir-rikors li qed jipproponu – jista’ jikseb vantagg xi hadd iehor, izda certament mhux “il-partijiet”, li wara kollox kienu accettaw it-tassazzjoni li kienet saret wara s-sentenza ta’ l-ewwel grad u li a bazi taghha inhadmet ukoll il-kawtela ghall-finijiet ta’ l-appell.

(b) F’azzjoni ta’ ritassa ghandhomx jitharrku l-partijiet kollha interessati, inkluzi l-avukati u prokuraturi legali li jkunu ddefendew lill-partijiet u dan in vista tal-fatt li jidher li ghandhom interess implicitu li indirettament jirrifletti fuq l-

istess jeddijiet taghhom ghall-hlas li jkun jispetta lilhom (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Libreri vs Staines ne** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru 1935 – Vol. XXIX.ii.706).

Ghar-ragunijiet premessi, ghalhekk, din il-Qorti mhiex kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tat-talba tal-partijiet; konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------